QORTI ĊIVILI

(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

IMĦALLEF

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 129/2025 AL

A B

Vs

C B

(M.R. Numru 1019/2010)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (25/05/2010) f'Egittu, liema zwieg gie registrat Malta fit-2 ta' Lulju 2010 (kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala **Dok A);**

2. Illi l-partijiet sseparaw fit-tnax ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (12/02/2020) permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli (Hawn anness u mmarkat bhala **Dok B);**

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li m'hemm ebda manteniment bejn il-partijiet u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

5. Illi dan kollu huwa ikkonfermat bil-gurament permess ta' affidavit (hawn anness u mmarkat bhala **Dok C)**

6. Illi l-esponenti tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubietha D

7. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-esponent f'dawn ic-cirkostanzi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Rawtorizza lill-esponenti tirreverti ghal kunjom xbubietha D;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Marzu 2025;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li ma jridx divorzju, madanakollu meta l-Qorti staqsietu ghar-ragunijiet tieghu hu ma semmiex ir-raguniiet ikkontemplati bil-ligi bhala raguni għall-opposizzjoni ta' tali talba izda qal biss li ma jridx id-divorzju u tridu biss sir-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Frar 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti talbet biex tirreverti ghal kunjom xbubitha "D", il-Qorti tilqa` din it-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jieħu l-passi kollha sabiex A B tirreverti ghal kunjom xbubitha ossija "D".

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

Il-Qorti tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-miżuri kollha sabiex ir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha, Camilleri.